# Sejba ta' bla ħsieb ta' Gilbert Borg

**Hekk kif bdew il-vaganzi tas-sajf u x-xemx kienet fl-eqqel tagħha, il-familja tiegħi ddeċidiet li tmur s'Għawdex biex naqtgħu ftit mir-rutina tal-kuljum u nieħdu ftit arja friska. Kont fis-seba' sema malli sirt naf, u malajr gaħmilna l-arranġamenti meħtieġa.**

**Il-ġurnata waslet u malajr wasalna fl-appartament tax-Xlendi. Sibna lil sid l-appartament biċ-ċwievet f'idejha u hekk kif ratna malajr firxet idha għall-pagament. F'radda ta' salib tatna ċ-ċavetta u sparixxiet. Peress li f'dik il-ġurnata qomna kmieni kont għadni għajjien u għalhekk, mingħajr ma qgħadt naħsibha, intfajt fuq is-sodda tiegħi u qgħadt nosserva dak li kien hemm f'dik il-kamra. Ħin minnhom indunajt li wara l-gwardarobba kien hemm għanqbuta, u hekk kif mort biex inneħħiha ħassejt subgħajja jolqtu bħal buttuna. F'kemm trodd salib, il-gwardarobba daret u tfaċċa bieb. Imsarni niżlu f'saqajja u qbiżt lura bil-qatgħa. Erġajt għafast il-buttuna bil-ħatfa biex kollox jerġa' jiġi għalli kien, u tlaqt niġri 'l barra.**

**Wara siegħa wiċċi kien għadu abjad karti bil-biża', imma kont determinat li niskopri x'kien hemm wara dak il-bieb, u la daħħalt dak il-fellus f'rasi ħadd ma kien se jneħħihuli minn moħħi. Il-lejl mistenni wasal. Xħin kulħadd raqad, mort nagħfas dik il-buttuna u reġgħet daret il-gwardarobba. Hekk kif poġġejt idejja fuq il-pum u ftaħt il-bieb, qalbi bdiet tħabbat sitta sitta. Ġewwa kien hemm dlam ċappa u riħa qawwija t'umdità. Malli xgħelt it-torċ li kont lestejt fil-but, ilmaħt raġel marbut, b'ħalqu mgħotti mixħut mal-art. Dak il-ħin inqtajt minn ġewwa, iżda hu beda jagħmilli sinjal sabiex ngħinu. Bla ma kont naf kif, neħħejtlu ċ-ċarruta u ħallejtlu l-ħbula li kellu madwar idejh u saqajh. Ir-raġel ħa nifs twil, u beda jgħidli li kien maqful hemm ġew minħabba li kien qabad fil-fatt lil sid l-appartament tisraq xi ġojjellerija li kienet tgħodd l-eluf. Għalhekk, qaflitu hemm ġew fil-moħbi ħalli s-serqa tibqa' moħbija u ma jlissen l-ebda kelma.**

**Malajr għedt b'kollox lill-ġenituri tiegħi li mal-ewwel ċemplu lill-pulizija. Il-pulizija malajr ħadu passi kontra sid l-apprtament tant li l-għada l-aħbarijiet kienu ddominati minn din il-ġrajja u bla ħsieb issemmejt jien ukoll. Tgħidx kemm kont kburi bija nnifsi dakinhar!**